MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Mandat Numru. 384/2009/1

Saviour **CUTAJAR**, Godfrey Cutajar u Gasparell Bailing Company Limited (C-15986)

vs

**AWTORITA' MALTIJA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR (MEPA)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli tieħu "kwalunkwe azzjoni kontra r-rikorrenti fil-ġestjoni u l-operat tan-negozju tagħhom li qed jiġi eżerċitat fuq is-sit ġewwa Triq il-Brolli, Birżebbuġia";

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2009, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-Awtorita' intimata b'jumejn għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "MEPA") fil-5 ta' Marzu, 2009, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li l-Avviż ta' Twettiq li ħarġet fis-17 ta' Ġunju, 2005[1], kontra r-rikorrent kien setgħa mogħtija lilha mil-liġi – l-artikolu 52(6) tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta – u, hekk kif jinħareġ, kien ikollu effett minnufih. Żiedet tgħid li l-Avviż ħareġ minħabba l-qagħda ambjentali sensittiva li fiha jinsab l-impjant imħaddem mir-rikorrenti, minħabba li l-iżvilupp li sar ma hux kopert bil-permessi meħtieġa, u minħabba li t-talbiet tar-rikorrenti biex jinħareġ permess dwar l-iżvilupp jew sanzjonar ta' dak li nbena kienu diġa' nċaħdu;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimata waqt is-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti jridu li l-MEPA ma tagħmel xejn li bih twaqqafhom jew iżżommhom milli jkomplu jħaddmu l-impjant ta' proċessar ta' metal mormi bħala *scrap* li għal

[1] Ordni ECF486/05 datat 16.6.2005, Dok "CSZ1", f'paġġ. 8 – 10 tal-atti

għadd kbir ta' snin ilu jitħaddem fis-sit imsemmi ġo Birżebbuġia. Huwa impjant attiv li jgħajjex ħames familji[2];

Tqis li l-materjal ipproċessat fl-istess impjant jintbagħat barra minn Malta[3];

Tqis li, fost il-klijenti industrijali tal-kumpannija rikorrenti, hemm dipartimenti tal-Gvern jew parastatali[4] u s-settur privat tal-industrija. Il-MEPA wkoll ġieli nqdiet bis-servizz mogħti mill-imsemmi impjant;

Tqis li sa mill-2002, il-kumpannija rikorrenti ressqet talba mal-awtoritajiet kompetenti biex tingħata post iżjed xieraq f'qasam industrijali, minn fejn tista' tkompli twettaq is-servizzi tagħha ta' proċessar ta' metall mormi u biex tkabbar dik l-impriża. Sal-lum, minkejja qbil fil-prinċipju[5], din il-faċilita' għadha ma ngħatatilhiex;

Tqis li parti mill-bini tal-istabiliment ilu mtella' snin twal qabel ma daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ u l-għoti ta' permessi ta' żvilupp[6];

Tqis li l-kumpannija rikorrenti għandha l-permessi biex tmexxi 'l quddiem in-negozju tagħha[7] u kif ukoll permessi mill-awtoritajiet governativi kompetenti biex tesporta l-materjal proċessat barra minn Malta[8];

Tqis li, mid-dikjarazzjoni magħmla mill-MEPA u mix-xhud imressqa minnha[9], il-ħsieb tagħha hu li l-eżekuzzjoni tal-Avviż tat-Twettiq kien se' jikkonsisti fl-għeluq tal-aċċess minn u għal ġol-impjant tar-rikorrenti b'mod li ma jiddaħħalx materjal ġdid imma li jħalli jinħareġ u jinġarr il-materjal li hemm fil-post u li qiegħed jiġi proċessat. Ma kienx maħsub li jintmess jew jitwaqqa' xi parti mill-bini, mill-benefikati jew mit-tagħmir tal-impjant tar-rikorrenti,

[2] Xhieda tar-rikorrent Godfrey Cutajar 10.3.2009
[3] Dokti "GC20" sa "GC23", f'paġġ. 56 – 9 tal-atti
[4] Dokti "GC6" sa "GC14", f'paġġ. 41 sa 50 tal-atti
[5] Dokti "GC24" u "GC25", f'paġġ. 34 – 5 tal-atti
[6] Dokti "GC1" sa "GC2", f'paġġ. 36 – 40 tal-atti
[7] Dok "GC16", f'paġ. 52 tal-atti
[8] Dok "GC15", f'paġ. 51 tal-atti
[9] Xhieda ta' Ivor Robinich 10.3.2009

sakemm jintemmu l-proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar;

Tqis li ttieħdet li titwettaq din l-azzjoni fl-aħħar jiem u mgħarrfa bil-fomm lir-rikorrenti lejn l-aħħar ta' Frar[10];

Tqis li r-rikorrenti jgħidu li l-jedd li, mad-daqqa t'għajn, iridu jħarsu huwa dak li ma titwaqqafx jew tixxekkilx l-attivita' ekonomika li jwettaq l-impjant u kif ukoll li huma ma jitqegħdux f'qagħda li jiksru l-obbligi kuntrattwali li huma għandhom mal-klijenti tagħhom hawn Malta u ma' dawk barranin li magħhom ftiehmu biex jesportaw il-prodott proċessat;

Tqis li, għall-finijiet tal-jedd li għandu jiġi mħares f'talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan, il-jedd irid ikun wieħed li min jitlob il-ħruġ tal-Mandat irid igawdi hu u mhux xi jedd jew benefiċċju li jista' jikseb ħaddieħor. Għalhekk, l-argument imressaq mir-rikorrenti li l-impriża tagħhom hija ta' benefiċċju u ta' interess għal Malta kollha għaliex teħles lil pajjiżna mill-imbarazz mormi, m'huwiex argument rilevanti biex jistabilixxi l-jedd imsemmi fl-artikolu 873 tal-Kodiċi, għalkemm jista' jkun fattur li jitqies għall-finijiet tar-raġonevolezza u l-proporzjonalita' fil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis, madankollu, li l-artikolu 55A(3) tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta, bi kliem u rieda kategoriċi li ma jħallux għażla, jżomm lill-Qorti milli toħroġ "att kawtelatorju kontra l-Awtorita' li jżommha milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu";

Tqis li dak li l-MEPA iddikjarat li fi ħsiebha tagħmel jaqa' taħt it-tifsira ta' atti jew għemejjel li hija tista' twettaq bis-saħħa ta' Avviż ta' Twettiq;

Tqis, għalhekk, li l-liġi nnifisha żżomm milli jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrenti f'dawn iċ-ċirkostanzi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

---

[10] Xhieda ta' Hubert Ċini 10.3.2009

Filwaqt li **tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2009, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, billi mhix talba msejsa fil-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, 16 ta' Marzu, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------